MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 46/2003

**Maria Assunta Gatt ghan nom u in rapprezentanza ta' l-imsiefer John Gatt**

**vs**

**Anthony Caruana**

It-Tribunal;

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta' April 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sebgha u tletin lira Maltija (LM237.00) u fejn intqal:

Illi nhar it-12 ta' Frar 2003 fl-Imgarr, Ghawdex waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura ossia trailer tal-marka ERF bin-numru IBB-617 huwa habat mal-vettura tal-marka Rover bin-numru AAP-269 liema vettura hija propjeta' ta' l-attur John Gatt u li fil-mument ta' l-incident kienet fil-kontroll ta' Mary Gatt;

Illi din il-kollizjoni grat unikament tort u htija tal-konvenut minhabba negligenza u traskuragni grassa da parti tieghu;

Illi minhabba dan l-incident l-attur sofra danni fis-somma ta' LM237;

Talab li l-konvenut jigi kkundannat :

1. Ihallas lill-attur is-somma ta' LM237 rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur kif fuq dovuti;
2. Ihallas l-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluzi l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali ta' Marzu, 2003, bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-15 ta' Mejju 2003 fejn intqal:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigi michuda fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident in kwistjoni gara unikament tort u htija ta' l-attrici u dan peress illi kienet hija illi pprovokat l-incident bis-sewqan traskurat, anzi irruenti da parti taghha, kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, ghandhom jigu verifikati l-ammont ta' danni reklamati mill-attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semgha x-xhieda ta' Maria Assunta Gatt, is-Surgent 47 Michael Abela, Anthony Caruana.

Ra l-kapitolu prezentat mill-attrici fit-13 ta' Ottubru 2003.

Ghaldaqstant, it-Tribunal wara li ra l-kapitolu prezentat, qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici fil-kwalita' taghha premessa s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin lira (LM237.00) bl-imghax dekorribbli mill-lum. Spejjez ghall-konvenut.

## **< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------